MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 302/2009

**Winunited Limited (C 35409) gja Betunited Limited**

**Vs**

**Golden Bet Limited (C 39212)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkudannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef Euro (€7000) oltre l-imghax legali kummercjali, rapprezentanti somma dovuta lill-kumpanija mittenti u dan skond l-Artikolu 4.5 tal-'Preliminary Cooperation Agreement' ffirmat bejn s-socjeta' attrici u l-kumpanija konvenuta fl-1 ta' Frar 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat

kontestwalment ma’ l-ittra msemmija. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta’ konvenuta (fol 9 u fol 13 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi fl-ewwel lok l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta’ attrici u dana billi l –‘Preliminary Cooperation Agreement’ qatt ma giet implementata mill-partijiet, u dana anke peress li s-socjeta’ attrici stess naqset li timplimenta l-istess ftehim minnha imsemmi ghalhekk ma tista’ tippretandi l-ebda hlas abbazi ta’ dan il-ftehim preliminari;

Illi fit-tieni lok l-esponenti kienet tat lis-socjeta’ attrici makkinarju ghas-saldu ta’ kwalsiasi pendenza u pretenzjoni li setghet tezisti a favur tas-socjeta’ attrici;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Bl-ingunzjoni in subizzjoni kontra l-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbali tas-seduti li saru fl-14 ta’ Ottubru 2009 (fol 7 ibid) fis-26 ta’ Ottubru (fol 10 ibid) fis-27 ta’ Ottubru 2010 (fol 36 ibid) u fis-26 ta’ Jannar 2011 (fol 37 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta’ attrici ssottomettiet is-segwenti provi:-

a) ‘<u>Affidavit</u>’ guramentat minn <u>Urs Reichert</u> impjegat mas-socjeta’ attrici gja’ Bet United Limited (ara fol 19 u fol 20 ibid). Minn dan l-‘affidavit’ u d-dokumenti esebiti a fol 20 sa fol 28 tal-istess atti, jirrisulta li kien gie miftiehem bejn il-partjiiet f’din il-kawza ‘Preliminary Cooperation Agreement’ skond kif jidher a fol 21 sa fol 25 ibid) liema ftehim kien intiz u intenzjonat sabiex is-socjeta’ konvenuta setghet ‘… operate and market under the Bet United License and hence to be permitted by the LGA (l-Awtorita’

Maltija ‘in materia to operate legally) under and in terms of Maltese law. Skond il-paragrafu 4.5 (ara fol 23 ibid) is-socjeta’ konvenuta kellha thallas lil dik attrici s-somma msemmija fl-avviz in esami fi zmien ghaxart (10) ijiem mill-iffirmar tal-istess ftehim u dan bhala ’a pre-determed’ Fixed Charge’ u dan sabiex is-socjeta’ attrici jkollha fondi sufficjenti sabiex timplimenta dak specifikat fit-tieni (2) paragrafu a fol 17. Pero dan il-pagament qatt ma kien gie effettwat u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta naqset milli tottempra ruhha mal-obbligi taghha skond dak miftiehem (ara ukoll il-paragrafu sitta (6) tal-istess ftehim). F’dan ir-rigward, kienet intbaghatet ittra legali (fol 17 ibid) sabiex jigi effetwat il-pagament flimkien mal-imghax dovuti mill-11 ta’ Frar 2007 izda dan il-hlas ma sarx. Xorta wahda is-socjeta’ konvenuta ghamlet uzu mill-isem tas-socjeta’ attrici, (‘unauthorised use’) sa Marzu 2009 u dan avolja ma kellhiex l-awtorizzazjoni taht il-ligi Maltija (ara ukoll ix-xhieda ta’ <u>Adam Aquilina</u> a fol 34 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, sallum, is-socjeta’ konvenuta ma gabet l-ebda prova in sostenn ta’ dak eccepit minnha avolja kienet inghatat zmien ghal dan il-ghan.

Ghalhekk, it-talbiet attrici ser jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex tahllas lil dik attrici is-somma ta’ €7000 bl-imghax kummercjali mill-hdax (11) ta’ Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Lulju 2009 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tat-22 ta’ Lulju 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------